

Brussell, 25 ta' Novembru 2015
(OR. en)

14458/15

RECH 285
COMPET 537

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	14184/15 RECH 277 COMPET 515
Suġġett:	Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-reviżjoni tal-istruttura konsultattiva taż-Żona Ewropea tar-Riċerka - <i>Adozzjoni</i>

1. Mir-reviżjoni tal-mandat tal-Kumitat taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u tal-Innovazzjoni (KŻER) fl-2010 l hawn, il-Kunsill talab diversi drabi għal struttura konsultattiva aktar effiċjenti u effettiva taż-ŻER. Fil-konklużjonijiet tiegħu f'Mejju 2015, il-Kunsill stieden lill-Kumitat taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u tal-Innovazzjoni (KŻER) biex iħejji proposta dwar l-istruttura konsultattiva taż-ŻER sal-15 ta' Ottubru 2015 għall-Kunsill (Kompetittività) f'Diċembru 2015.
2. Kif mitlub mill-Kunsill, il-KŻER ta l-Opinjoni tiegħu dwar l-istruttura konsultattiva taż-ŻER sad-data tal-iskadenza stabbilita. Fuq il-bażi ta' din l-Opinjoni, il-Presidenza pproponiet abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill li ġie eżaminat mill-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka fil-laqgħat tiegħu tas-26 ta' Ottubru u d-9 u s-16 ta' Novembru 2015.

2. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, fil-laqgħa tiegħu tal-25 ta' Novembru 2015, eżamina dan l-abbozz ta' konklużjonijiet, irriżolva l-kwistjonijiet miftuħa pendent u qabel li l-abbozz ta' konklużjonijiet jintbagħat lill-Kunsill (Kompetittività) tat-30 ta' Novembru u l-1 ta' Diċembru 2015 għall-adozzjoni. PL għandha riżerva ġenerali ta' skrutinju dwar it-test, wara l-elezzjonijiet nazzjonali reċenti.
 3. Il-Kunsill (Kompetittività), fis-sessjoni tiegħu tat-30 ta' Novembru u l-1 ta' Diċembru 2015, qiegħed għalhekk jintalab jadotta l-konklużjonijiet kif imniżżlin fit-test meħmuż.
-

**ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR
IR-REVIŻJONI TAL-ISTRUTTURA KONSULTATTIVA TAŻ-ŻONA EWROPEA
TAR-RIĊERKA**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JFAKKAR

- fil-konklużjonijiet tiegħu dwar l-iżvilupp taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) permezz tal-gruppi relatati maż-ŻER tal-1 ta' Ġunju 2011¹, li kkonfermaw mill-ġdid il-ħtieġa għal koordinazzjoni msaħħa bejn il-KŻER u l-gruppi relatati maż-ŻER, u li enfasizzaw il-ħtieġa li jissokta t-titjib rilevanti kollu f'din il-kooperazzjoni f'konformità mal-eżitu tal-parir tal-KŻER² dwar ir-reviżjoni tal-gruppi relatati maż-ŻER;
- fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar sħubija msaħħa taż-ŻER għall-eċċellenza u t-tkabbir tas-17 ta' Lulju 2012³, u r-rispons tal-Kunsill għal din fil-konklużjonijiet tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2012⁴;
- fir-Risoluzzjoni tiegħu dwar il-ħidma konsultattiva għaż-ŻER tat-30 ta' Mejju 2013⁵, li fiha l-Kunsill qabel li jirrevedi l-istatus, il-mandati u l-linji ta' rapportar ta' dawk il-gruppi relatati maż-ŻER li ġew stabbiliti mill-Kunsill sa tmiem l-2014 u stieden lill-Kummissjoni u lill-KŻER biex iqisu jekk tali reviżjoni hijiex meħtieġa fir-rigward tal-gruppi li huma stabbilixxew;
- fil-Konklużjonijiet tiegħu dwar ir-rapport ta' progress taż-ŻER għall-2014⁶ tal-5 ta' Diċembru 2014, li fihom il-Kunsill stieden lill-KŻER biex sal-2015 jiddiskuti u jipproponi riforma tal-governanza relatata maż-ŻER;
- fil-Konklużjonijiet tiegħu dwar ir-reviżjoni tal-istruttura konsultattiva taż-Żona Ewropea tar-Riċerka tad-29 ta' Mejju 2015⁷, fejn il-Kunsill irrikonoxxa l-ħtieġa għal struttura konsultattiva aktar effiċjenti u effettiva għall-implimentazzjoni taż-ŻER u stieden lill-KŻER biex iħejji proposta dwar l-istruttura konsultattiva taż-ŻER sal-15 ta' Ottubru 2015;

¹ 11032/11
² ERAC 1206/11
³ 12848/12
⁴ 17649/12
⁵ 10331/13
⁶ 16599/14
⁷ 9342/15

1. ITENNI l-importanza ta' struttura konsultattiva li tiffunzjona tajjeb biex tiżgura l-implimentazzjoni koerenti u effettiva taż-ŻER u tal-Pjan Direzzjonali taż-ŻER sabiex il-potenzjal taż-ŻER ikun realizzat u JILQA' B'SODISFAZZJON l-Opinjoni adottata mill-Kumitat taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u tal-Innovazzjoni (KŻER) dwar ir-reviżjoni tal-istruttura konsultattiva taż-ŻER⁸ u JAPPELLA sabiex din tiġi implimentata malajr;
2. JAFFERMA MILL-ĠDID lill-KŻER fir-rwol tiegħu ta' koordinatur u fil-kapaċità tiegħu bħala kumitat konsultattiv strateġiku li jista' jipprovdi koerenza akbar lill-istruttura konsultattiva ġenerali u jagħti pariri dwar orjentazzjonijiet wiesgħa għall-politiki futuri fost oħrajn billi jagħmel użu mill-valutazzjonijiet tal-impatt ta' politiki ta' qabel u jgħarrex għal xenarji li jista' jkun hemm fil-futur; JISSOTTOLINJA l-kollaborazzjoni bejn il-gruppi, prinċipalment mibnija permezz tal-Bord ta' Tmexxija tal-KŻER fejn il-gruppi kollha relatati maż-ŻER huma rrappreżentati; u barra minn hekk JISĦAQ li l-għan huwa l-koordinazzjoni dwar il-proċess (bħal fl-għażla ta' meta jsir ix-xogħol, l-iskedar ta' laqgħat, it-tħejjija ta' komunikazzjoni mal-Kunsill), iżda li l-KŻER u l-gruppi l-oħra relatati maż-ŻER jibqgħu unikament responsabbli għall-kontenut tal-pariri li jagħtu;
3. JAQBEL li filwaqt li l-gruppi relatati maż-ŻER jibqgħu jaqdu l-funzjonijiet tagħhom, jinħtieġ li jsir aktar sforz biex jitnaqqsu l-monitoraġġ miżjud u l-piżijiet tar-rapportar fuq l-Istati Membri; JISTIENEN lill-Kummissjoni u lill-gruppi relatati maż-ŻER biex jidentifikaw oqsma fejn il-monitoraġġ u l-piżijiet amministrattivi tar-rapportar jistgħu jonqsu b'aktar razjonalizzazzjoni;

Numru ta' gruppi

4. JAQBEL li f'dan l-istadju l-KŻER u l-gruppi l-oħra relatati maż-ŻER⁹ jassumu r-responsabbiltà ta' prijorità indikata għall-implimentazzjoni taż-ŻER u tal-Pjan Direzzjonali taż-ŻER kif ġej:

⁸ ERAC 1212/15

⁹ Il-gruppi relatati maż-ŻER attwalment jinkludu l-Kumitat taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u tal-Innovazzjoni (KŻER), il-Forum Strateġiku Ewropew għall-Infrastrutturi tar-Riċerka (ESFRI), il-Forum Strateġiku għall-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika Internazzjonali (SFIC), il-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Ipprogrammar Konġunt (GPC), il-Grupp ta' Helsinki dwar is-Sessi fir-Riċerka u l-Innovazzjoni (HG), il-Grupp ta' Tmexxija taż-ŻER dwar ir-Riżorsi Umani u l-Mobbiltà (SGHRM) u l-Grupp ta' Ħidma tal-KŻER dwar it-Trasferiment tal-Għarfien (KT). L-ESFRI għandu rwol strateġiku addizzjonali lil hinn minn dak relatat maż-ŻER u mal-pjan direzzjonali taż-ŻER, li mhuwiex is-suġġett ta' dawn il-konklużjonijiet.

- Priorità 1: Sistemi aktar effettivi ta' riċerka nazzjonali (KŻER)
 - Priorità 2a: Kooperazzjoni u kompetizzjoni transnazzjonali mill-aqwa (GPC)
 - Priorità 2b: Infrastrutturi tar-riċerka (ESFRI)
 - Priorità 3: Suq tax-xogħol miftuħ għar-riċerkaturi (SGHRM)
 - Priorità 4: Ugwaljanza u integrazzjoni tas-sessi fir-riċerka (HG)
 - Priorità 5: L-aqwa ċirkolazzjoni, aċċess u trasferiment tal-għarfien xjentifiku (grupp ġdid b'mandat usa' li jissostitwixxi dak li qabel kien il-Grupp ta' Ħidma tal-KŻER dwar it-trasferiment tal-għarfien)
 - Priorità 6: Kooperazzjoni internazzjonali (SFIC);
5. JAQBEL li l-għadd ta' gruppi relatati maż-ŻER m'għandux jaqbeż l-għadd ta' prioritajiet taż-ŻER maqbula mill-Kunsill;
6. Barra minn hekk, JAQBEL mal-approċċ meħud mill-KŻER li
- kwalunkwe grupp ġdid relatat maż-ŻER għandu jiġi stabbilit biss biex jindirizza kwistjonijiet strateġiċi sinifikanti li jeħtieġu ħidma kontinwa għal numru ta' snin u għandu jkollu għan ċar u tul ta' ħajja speċifikat stabbiliti fil-missjoni u l-mandat tiegħu;
 - kwalunkwe grupp bħal dan għandu jiġi stabbilit jew bħala grupp ta' ħidma permanenti tal-KŻER (li l-mandat tiegħu jista' jiġi approvat mill-KŻER stess) jew bħala konfigurazzjoni tal-KŻER soġġetta għall-approvazzjoni tal-Kunsill;
 - għal għanijiet oħra li jkunu definiti b'mod ċar u li jipprovdu valur miżjud għaż-ŻER, il-KŻER għandu jistabbilixxi gruppi ta' ħidma *ad hoc* b'tul ta' ħajja ta' madwar sena jew anqas;

Mandati

7. IFAKKAR fil-konklużjonijiet tiegħu li l-mandati tal-gruppi relatati maż-ŻER għandhom jiġu riveduti, u fejn meħtieġ, emendati jew imħassra mill-anqas kull tliet snin; JENFASIZZA l-ħtieġa li kwalunkwe kwistjoni immedjata fil-mandati tiġi solvuta bla dewmien u JAQBEL li l-ewwel reviżjoni sħiħa ser isir mhux aktar tard mill-2018 skont il-proċeduri deskritti fl-Opinjoni tal-KŻER¹⁰;
8. JISSOSTITWIXXI l-mandat tal-KŻER b'mandat ġdid kif stipulat fl-Anness u li ser jidħol fis-seħħ b'mod immedjat u JIEĦU NOTA tal-abbozz ta' regoli ta' proċedura proposti għall-Bord ta' Tmexxija tal-KŻER¹¹ li ser jiżdiedu mar-regoli ta' proċedura riveduti tal-KŻER li għandhom jiġu adottati mill-KŻER;
9. JINNOTA li l-istrumenti ewlenin għal razzjonalizzazzjoni akbar għandhom ikunu l-klawsoli standard¹² proposti mill-KŻER u msaħħa b'kollaborazzjoni bejn il-gruppi, prinċipalment mibnija permezz tal-Bord ta' Tmexxija l-ġdid; u JISTIEDEN lill-gruppi l-oħra relatati maż-ŻER biex jinkorporaw dawn il-klawsoli fil-mandati tagħhom;
10. JITLOB lill-konfigurazzjonijiet dedikati tal-KŻER, li kienu stabbiliti mill-Kunsill, jiġifieri SFIC u GPC, biex jaġġornaw il-proposti¹³ tagħhom għall-mandati l-ġodda tagħhom sabiex jinkorporaw il-klawsoli standard u biex jippreżentaw il-proposti tagħhom lill-Kunsill għall-bidu tal-2016; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tinkorpora l-klawsoli standard fil-mandati tal-gruppi li stabbilixxiet hi, jiġifieri HG u SGHRM; u, filwaqt li jirrikonoxxi li ESFRI għandu rwol strateġiku addizzjonali lil hinn minn dak relatat maż-ŻER u l-Pjan Direzzjonali taż-ŻER, JISTIEDEN LIL ESFRI biex jinkorpora l-klawsoli standard ix-xierqa fil-mandat tiegħu għall-implimentazzjoni effettiva tal-Priorità 2b tal-Pjan Direzzjonali taż-ŻER;

¹⁰ ERAC 1212/15, Anness D

¹¹ ERAC 1212/15, Anness G

¹² ERAC 1212/15, Anness C

¹³ ERAC-GPC 1302/1/15 REV 1 u ERAC-SFIC 1355/15 rispettivament.

11. JIEĦU NOTA tal-istabbiliment ta' grupp ta' ħidma permanenti ġdid tal-KŻER biex jissostitwixxi l-Grupp ta' Ħidma għat-Trasferiment tal-Għarfien b'mandat ġdid li jkopri l-aspetti rilevanti ta' xjenza miftuħa / innovazzjoni miftuħa li jkun operattiv sa nofs l-2016; JISTIEDEN LILL-KŻER u lill-Kummissjoni biex jikkunsidraw l-għaqda tal-gruppi eżistenti f'dan il-qasam biex tizzied l-effiċjenza u biex jiġu evitati d-duplikazzjoni u l-piż amministrattiv bla bżonn; JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għal koordinazzjoni mill-qrib ma' attivitajiet marbuta ma' gruppi oħra relatati maż-ŻER;

Linja ġerarkika

12. JAQBEL mal-approċċ meħud mill-KŻER li, wara perijodu meħtieġ ta' transizzjoni, il-gruppi kollha relatati maż-ŻER għandhom fl-aħħarnett jispiċċaw taħt il-mandat tal-Kunsill; għalhekk JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-mandati ta' HG u SGHRM bil-ħsieb li tibdel dawn il-gruppi fi gruppi ta' ħidma permanenti tal-KŻER sa mhux aktar tard mill-ewwel revizzjoni ta' kull tliet snin sal-2018; f'dan il-kuntest JENFASIZZA l-importanza li l-appoġġ tal-Kummissjoni għal dawn il-gruppi jinżamm matul it-transizzjoni tagħhom, kif xieraq; l-appoġġ wara din it-transizzjoni jeħtieġ li jiġi diskuss u jintlaħaq qbil fuq soluzzjoni li ma taffettwax il-baġit għall-Kunsill;
13. JAQBEL mal-proposta tal-KŻER li l-gruppi l-oħra relatati maż-ŻER jipprovdu aġġornament annwali qasir lill-KŻER dwar il-progress u l-impatt fil-konfront tal-Pjan Direzzjonali taż-ŻER u li l-KŻER ser jirrapporta lill-Kunsill kull sena biex jiżgura li l-Kunsill ikollu dehra komprensiva u b'mod regolari tal-progress;

Finalment,

14. JIEĦU NOTA tal-inventarju tal-Kummissjoni tal-gruppi konsultattivi li ġew stabbiliti mill-Kummissjoni kif ukoll kif dawn il-gruppi jikkorrispondu mal-gruppi relatati maż-ŻER; f'dan il-kuntest JILQA' B'SODISFAZZJON l-intenzjoni tal-KŻER biex b'mod regolari jiddiskuti l-koordinazzjoni tal-gruppi relatati maż-ŻER mal-gruppi ta' esperti attwali u futuri tal-Kummissjoni biex jiġu evitati sovrappożizzjonijiet jew lakuni bejn il-gruppi; JIRRIKONOXXI l-ħtieġa ta' koordinazzjoni xierqa bejn ir-rappreżentanti nazzjonali fil-gruppi differenti relatati mal-KŻER biex l-istruttura konsultattiva tkun effettiva;

15. IQIS li d-definizzjoni tar-rwol u l-funzjonijiet tal-Kopresidenti tal-KŻER ibbażati fuq sħubija bejn partijiet ugwali kif kienet issuġġerita mill-KŻER¹⁴ hija bażi tajba għall-ħidma; JAQBEL li l-modus operandi tal-kopresidenzi jista' jevolvi u għalhekk għandu jiġi adattat skont l-esperjenza;
16. IĦEĠĠEĠ lill-partijiet kollha biex jikkontribwixxu b'mod proattiv għall-kooperazzjoni msaħħa bejn il-gruppi; u JISTENNA B'INTERESS li jibda l-proċess tal-ewwel reviżjoni ta' kull tliet snin tal-istruttura konsultattiva taż-ŻER sa mhux aktar tard mill-ewwel nofs tal-2018.
-

¹⁴ ERAC 1212/15, Anness E

Mandat tal-Kumitat taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u tal-Innovazzjoni (KŻER)

1. Il-Kumitat taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u tal-Innovazzjoni (KŻER, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Kumitat) għandu jkun il-kumitat konsultattiv għall-politika strateġika dwar il-firxa sħiħa ta' riċerka u innovazzjoni fil-qafas tal-governanza taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ż-ŻER).
2. Il-missjoni ewlenija tal-Kumitat hija li jipprovdi kontribut strateġiku f'waqtu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni li tkun għaddejja taż-ŻER fl-Istati Membri u Pajjiżi Assoċjati u dwar kwistjonijiet strateġiċi oħra tal-politika dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni. Il-Kumitat għandu jagħmel dan fuq l-inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni.
3. Fir-rigward tal-missjoni tiegħu, il-Kumitat għandu, b'mod partikolari:
 - a. fi stadju bikri, jipprovdi pariri dwar l-identifikazzjoni u t-tfassil tal-prijoritajiet strateġiċi għall-inizjattivi ta' politika dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni relatati mal-iżvilupp taż-ŻER, inklużi l-Programmi Qafas tal-UE u inizjattivi oħra rilevanti tal-UE, intergovernattivi u nazzjonali;
 - b. jipprovdi pariri dwar orjentazzjonijiet wiesgħa għal politiki futuri possibbli u għal interazzjoni bejn il-politiki eżistenti, fil-livell internazzjonali, tal-UE u nazzjonali, li jikkontribwixxu għall-iżvilupp taż-ŻER;

- c. biex jintlaħqu 3 (a) u (b) u bil-ħsieb ta' implimentazzjoni koerenti u effettiva taż-ŻER u biex ikun żgurat valur miżjud Ewropew, jaħdem f'kooperazzjoni u bl-appoġġ tal-gruppi l-oħra relatati maż-ŻER¹⁵ biex ikopri l-prijoritajiet kollha taż-ŻER;
 - d. f'dan il-qafas kolleġġjali, jissorvelja l-progress taż-ŻER, waqt li jirrispetta l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-komplementarjetà, b'attenzjoni speċjali għall-effiċjenza, l-aċċessibbiltà, it-trasparenza u l-koerenza tal-istrumenti u l-inizjattivi tagħha, inklużi dawk iddefiniti fil-Programmi Qafas tal-UE, b'mod partikolari b'kont meħud tal-kriterju tal-valur miżjud Ewropew;
 - e. jidentifika l-ħtieġa għal valutazzjonijiet indipendenti ta' politiki marbuta maż-ŻER u l-użu tar-risultati ta' tali valutazzjonijiet biex isiru rakkomandazzjonijiet għal progress akbar u aħjar taż-ŻER;
 - f. ma' gruppi oħra relatati maż-ŻER, jikkontribwixxi, fejn rilevanti, għall-promozzjoni tal-koordinazzjoni ta' politiki nazzjonali għar-riċerka u l-innovazzjoni u biex ikun żgurat li politiki nazzjonali u l-politika tal-UE jkunu reċiprokament konsistenti;
 - g. ikun proattiv fl-antiċipazzjoni ta' suġġetti ta' politika li jistgħu jikkontribwixxu b'mod effiċjenti għat-tħejjija ta' dibattiti politiċi fil-Kunsill (Kompetittività).
4. Barra mill-missjoni ewlenija tiegħu, il-Kumitat għandu wkoll jippromwovi l-valutazzjoni volontarja tat-taħlit ta' politiki, l-evalwazzjonijiet bejn il-pari u eżerċizzji ta' taġħlim reċiproku rilevanti għat-tfassil, l-implimentazzjoni u l-valutazzjoni tar-riformi nazzjonali ta' R&I (inkluż il-kontribut ta' għodod fosthom il-Faċilità ta' Sostenn għall-Politika ta' Orizzont 2020). Għal dawn l-attivitajiet jista' jistabbilixxi gruppi ta' ħidma ad-hoc li għandhom iwettqu l-ħidma tagħhom taħt il-gwida tal-Kumitat.

¹⁵ Kif definit fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Mejju 2015, "Il-gruppi relatati maż-ŻER attwalment jinkludu l-Kumitat taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u tal-Innovazzjoni, il-Forum Strateġiku Ewropew għall-Infrastrutturi tar-Riċerka (ESFRI), il-Forum Strateġiku għall-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika Internazzjonali (SFIC), il-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Ipprogrammar Konġunt (GPC), il-Grupp ta' Helsinki dwar is-Sessi fir-Riċerka u l-Innovazzjoni (HG), il-Grupp ta' Tmexxija taż-ŻER dwar ir-Risorsi Umani u l-Mobbiltà (SGHRM) u l-Grupp ta' Ħidma tal-KŻER dwar it-Trasferiment tal-Għarfien (KT – *Nota: għandu jiġi aġġornat fid-dawl tad-deċiżjoni tal-KŻER fis-7 ta' Lulju*). Il-Forum Diġitali taż-ŻER (DERAF) u l-grupp ta' punti nazzjonali ta' referenza dwar l-Aċċess Miftuħ (NRP dwar l-OA) qed jikkontribwixxu wkoll għall-implimentazzjoni taż-ŻER. L-ESFRI għandu rwol strateġiku addizzjonali lil hinn minn dak relatat maż-ŻER u mal-pjan direzzjonali taż-ŻER, li mhuwiex is-suġġett ta' dawn il-Konklużjonijiet."

5. Il-Kumitat għandu jiżviluppa interazzjonijiet u koerenza strateġiċi, kif jixraq, ma' oqsma ta' politika oħra rilevanti għall-firxa sħiħa tar-riċerka u l-innovazzjoni.
6. Il-Kumitat, permezz tal-Bord ta' Tmexxija, għandu jiżgura li jkun hemm koordinazzjoni bejnu u bejn gruppi oħra relatati maż-ŻER, b'mod partikolari, f'dak li għandu x'jaqsam mal-koerenza tal-programmi ta' ħidma tagħhom u meta jitwettqu u mal-istabbiliment ta' prioritajiet. Il-Kumitat għandu jħejji rapport annwali qasir lill-Kunsill dwar l-effikaċja ta' dan il-proċess. Għandu jiżgura wkoll b'mod aktar ġenerali, permezz tal-Bord ta' Tmexxija jew b'modi oħra, li gruppi oħra relatati maż-ŻER huma konxji mill-iżviluppi rilevanti għall-kuntest usa' taż-ŻER.
7. Il-Kumitat għandu jivvaluta l-mandati tal-gruppi l-oħra relatati maż-ŻER meta jkun meħtieġ, iżda minn tal-anqas kull tliet snin, f'konformità mal-proċedura stabbilita tal-Kumitat għal dan l-eżerċizzju; u jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill¹⁶ dwar jekk il-mandati jeħtiġux li jiġu riveduti jew mħassra biex jirriflettu l-progress fl-implimentazzjoni jew fl-aġġornamenti tal-Prijoritajiet taż-ŻER.
8. Il-mandat tal-Kumitat għandu jiġi vvalutat ukoll bħala parti minn dan il-proċess. Jekk waqt reviżjoni partikolari l-mandat tiegħu jkun jeħtieġ konsiderazzjoni fil-fond, ir-rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill għandhom ikunu mibnija fuq parir indipendenti fuq bażi li għandha tiġi deċiża mill-Presidenzi responsabbli waqt żmien ir-reviżjoni.

Membri u Osservaturi

9. Sabiex l-effikaċja u l-impatt tal-Kumitat ikunu żgurati, il-Kumitat għandu jikkonsisti minn żewġ rappreżentanti ta' livell xieraq responsabbli għall-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni minn kull Stat Membru, u mill-Kummissjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa Membri).
10. Il-Kumitat jista' jistieden lil rappreżentanti tal-pajjiżi assoċjati mal-Programm Qafas tal-UE biex jipparteċipaw fil-laqgħat tiegħu bħala osservaturi. Jista' jistieden ukoll osservaturi oħrajn, inklużi Membri tal-Parlament Ewropew, jekk punti rilevanti jkunu jeħtieġu hekk. Madankollu, l-Istati Membri biss jistgħu jivvotaw, u ċerti partijiet tal-laqgħat jistgħu jkunu miftuħa għall-Istati Membri biss.

¹⁶ Waqt il-perijodu ta' transizzjoni meta xi gruppi jkunu għadhom jaqgħu taħt l-awspiċċi tal-Kummissjoni, dan it-test għandu jiġi mifhum li jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni fir-rigward ta' daww il-gruppi.

11. Id-delegati kollha mill-Istati Membri u mill-Pajjiżi Assoċjati huma preżenti fil-Kumitat bħala rappreżentanti formali ta' pajjiżhom, mhux bħala esperti individwali, u għandhom jiżguraw koordinazzjoni xierqa mar-rappreżentanti nazzjonali fi gruppi oħra relatati maż-ŻER.

Organizzazzjoni

12. Il-Kumitat għandu jiltaqa' mill-anqas erba' darbiet fis-sena (bl-intenzjoni li mill-anqas darba fis-sena jiltaqa' fil-livell ta' DG). Il-laqgħat normalment ser isiru fi Brussell iżda jistgħu jkunu ospitati mill-pajjiż li jkollu l-Preidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
13. Il-Kumitat għandu jkun kopresedut mill-Kummissjoni u rappreżentant elett mill-Istati Membri. Ir-Regoli ta' Proċedura għandhom jistipulaw l-arranġamenti xierqa biex jiġi nnominat viċi jekk xi wieħed mill-Kopresidenti jkun indispost.
14. Il-Kopresident mill-Istati Membri għandu jiġi elett minn fost ir-rappreżentanti tal-Istati Membri fuq il-Kumitat b'maġġoranza tal-Membri komponenti tiegħu għal perijodu ta' tliet snin, li jiġġedded darba.
15. Is-Segretarjat tal-Kumitat għandu jkun ipprovdut mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill. Ir-rwol primarju tas-Segretarjat huwa li jassisti lill-Kumitat fl-operat tiegħu. B'mod partikolari, jassisti lill-Kopresidenzi fit-tnejn, it-tliet u s-segwitu tal-laqgħat, fosthom iċ-ċirkolazzjoni tal-aġendi proviżorji u dokumenti relatati, u t-tnejn tal-abbozz ta' konklużjonijiet tal-laqgħat. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-ħidma tal-Kumitat fl-ambitu tal-kompetenza tagħha.
16. Il-Kumitat għandu jkollu Bord ta' Tmexxija. Il-Kopresidenti tal-Kumitat għandhom jaġixxu bħala Kopresidenti tal-Bord ta' Tmexxija. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jikkonsisti mill-Kopresidenti tal-KŻER, il-Presidenti tal-gruppi l-oħra relatati maż-ŻER, rappreżentant tal-Istat Membru li jkollu l-Preidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u ieħor mill-Preidenza li jmiss, kif ukoll żewġ Membri eletti minn fost ir-rappreżentanti tal-Istati Membri fuq il-Kumitat b'maġġoranza tal-Membri komponenti tiegħu għal perijodu ta' tliet snin. Is-Segretarjat tal-Bord ta' Tmexxija għandu jkun ipprovdut mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jiġi assistit mis-servizzi tal-Kummissjoni.

17. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jħejji l-abbozz ta' programmi ta' ħidma proviżorji u jabbozza l-aġendi proviżorji tal-laqgħat tal-Kumitat f'konformità mar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat. Il-Bord ta' Tmexxija għandu wkoll jaqbel fuq liema punti mill-aġenda għandhom ikunu preseduti mill-Kopresidenza tal-Kummissjoni u liema mill-Kopresidenza tal-Istat Membru. L-abbozz ta' programmi ta' ħidma u l-abbozz ta' aġendi proviżorji għandhom jeħtieġu qbil bejn il-Kopresidenti qabel ma jitressqu quddiem il-Kumitat għall-approvazzjoni u l-adozzjoni rispettivament. Il-Bord ta' Tmexxija ma għandux poteri ġenerali biex jieħu deċiżjonijiet f'isem il-Kumitat lil hinn minn kwistjonijiet assenjati lilu b'dan il-mandat jew minn punti speċifiċi delegati lilu mill-Kumitat.
18. Il-KŻER u l-gruppi l-oħra relatati maż-ŻER għandhom jiżviluppaw il-programmi ta' ħidma tagħhom li jkopru perijodu ta' 18-il xahar (ibbażati fuq il-programmi tat-triju ta' Presidenzi li jkun imiss), ifasslu l-aġendi tagħhom stess, iwettqu l-attivitajiet tagħhom u jipproduċu r-risultati tanġibbli tagħhom skont il-mandati tagħhom u tal-Pjan Direzzjonali taż-ŻER. L-aspetti rilevanti tal-abbozzi ta' programmi ta' ħidma, fosthom meta għandu jsir ix-xogħol, l-iskedar tal-laqgħat u t-tħejjija tal-komunikazzjoni mal-Kunsill, għandhom jiġu diskussi fil-Bord ta' Tmexxija tal-KŻER u l-kummenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-KŻER għandhom ikunu meqjusa. Il-Presidenti tal-gruppi relatati maż-ŻER għandhom jiżguraw li s-sustanza ta' dawn id-diskussjonijiet tiġi rrappurtata b'mod sistematiku lill-gruppi tagħhom. Qabel l-adozzjoni tal-programmi ta' ħidma minn kull grupp, il-programmi ta' ħidma għandhom jiġu ppreżentati lill-Kumitat biex tkun żgurata l-koerenza ġenerali fost il-gruppi relatati maż-ŻER u biex jiġu evitati lakuni jew duplikazzjoni fit-tweqqif tal-prijoritajiet taż-ŻER. F'dan il-qafas, il-KŻER u l-gruppi l-oħra relatati maż-ŻER jassumu responsabbiltà unika għall-kontenut tal-pariri li jipprovdu.

19. Soġġett għall-approvazzjoni tal-Kunsill tal-eżitu tal-proċess ta' reviżjoni deskritt fil-paragrafi 7 u 8 hawn fuq, il-Kumitat jista' jistabbilixxi gruppi ġodda relatati maż-ŻER biex jindirizzaw prijoritajiet strateġiċi li jeħtieġu ħidma fuq numru ta' diversi snin, jew bħala gruppi ta' ħidma permanenti tal-KŻER (li l-Kumitat innifsu jista' japprova l-mandat tagħhom) jew bħala konfigurazzjonijiet tal-KŻER soġġetti għall-approvazzjoni tal-Kunsill. L-għadd ta' gruppi relatati maż-ŻER m'għandux jaqbeż l-għadd ta' prijoritajiet taż-ŻER kif stabbilit mill-Kunsill. Għal prijoritajiet fuq perijodu qasir, il-Kumitat jista' bl-awtorità tiegħu stess jistabbilixxi gruppi ta' ħidma ad hoc, għal limitu ta' madwar sena żmien, b'kompiti speċifiċi biex jindirizzaw kwistjonijiet rilevanti għall-mandat tiegħu. Il-gruppi ta' ħidma ad hoc ma jeħtieġux il-parteċipazzjoni tad-delegazzjonijiet kollha. Il-Kumitat jista' wkoll jagħżel wieħed mill-membri tiegħu biex jieħu r-rwol ta' relatur għal perijodu ta' żmien limitat u dwar suġġetti speċifiċi li jeħtieġu kuntatt bejn il-KŻER u l-gruppi l-oħra fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni.
20. Il-konklużjonijiet, l-opinjonijiet u r-rapporti fil-qosor tal-Kumitat għandhom, kif xieraq, jirreġistraw l-opinjoni kunsenswali tal-Membri tiegħu jew tal-voti mitfugħa minnhom u għandhom isemmu l-fehmiet tal-minoranza. Għandha tapplika votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata għas-suġġetti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-ħolqien jew ix-xoljiment ta' gruppi formali relatati maż-ŻER jew ma' pariri lill-Kunsill dwar dawn is-suġġetti. Votazzjoni b'maġġoranza sempliċi għandha tintuża għal suġġetti oħra.
21. Bi qbil mal-Bord ta' Tmexxija tal-KŻER, il-Kumitat għandu jipprovdi regoli ta' proċedura li huma koerenti ma' dawk ta' gruppi oħra relatati maż-ŻER.